MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru: 155/2022 LM

**Jean Paul Attard (K.I. nru. 442978M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**
*('il-bank appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-bank intimat **HSBC Bank Malta plc (C 3177)**, [minn issa 'l quddiem 'il-bank appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tat-23 ta' Novembru, 2022, li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent **Jean Paul Attard (K.I. nru. 442978M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] dwar

it-tkeċċija inġusta tiegħu, u filwaqt li ċaħad it-tieni talba rikorrenti, iddeċieda li ma kien hemm l-ebda trattament diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent, iżda sab li kien hemm ksur tal-ftehim kollettiv da parti tal-bank intimat. It-Tribunal ma laqax l-argument tar-rikorrent li t-Tribunal kellu jiddetermina li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta *ai termini* tal-artikolu 12(b)(i) tal-Ftehim Kollettiv, stante li l-imsemmi artikolu jitkellem dwar *Redundancies & Early Retirement,* u għalhekk fil-fehma tat-Tribunal ma setax japplika għal tkeċċija inġusta. It-Tribunal iddeċieda wkoll li s-soċjetà intimata għandha tħallas lir-rikorrent kumpens ekwivalenti għal erbat elef Euro (€4,000), minflok l-ammont pretiż mir-rikorrent, jiġifieri somma ekwivalenti għal tliet snin salarju.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa kien impjegat tal-bank intimat għal madwar għaxar snin, fil-kariga ta' *Senior Marketing Manager.* Qal li fit-2 ta' Mejju, 2018, bil-permess tal-*management* tal-bank, u in linea mal-Ftehim Kollettiv applikabbli, huwa ngħata *career break* bla ħlas biex jikseb iżjed esperjenza barra mill-bank, bil-ħsieb li meta jirritorna lura jkun jista' joffri servizz aħjar lill-bank intimat. Qal li dan il-*career break* kien ikkontemplat fil-Ftehim Kollettiv li kien viġenti dak iż-żmien, u dan kien japplika għar-rikorrent bħala impjegat tal-bank. Ir-rikorrent qal li huwa dejjem kien assigurat li meta jispiċċa dan il-perijodu ta' *leave,* huwa kien ser jingħata rwol fil-grad tiegħu, b'doveri kompatibbli mal-kwalifiki u mal-esperjenzi tiegħu. Qal li meta huwa kien ser jirritorna fl-impjieg, minflok rwol b'doveri kompatibbli mal-grad tiegħu, il-bank intimat infurmah li ma kienx

hemm xogħol adattat għalih fl-oqsma li r-rikorrent kien ikkwalifikat għalihom. Ir-rikorrent qal li sadanittant huwa ġie mistieden mill-bank intimat japplika għar-rwol ta' *Head of Business Management, Compliance,* minkejja li huwa la kellu l-kwalifiki u lanqas esperjenza f'dan ir-rwol. Qal li fid-29 ta' April, 2019 huwa ntalab jidħol lura fir-rwol li kellu qabel ingħata l-*career break*, iżda *f'support role* li ma kinitx kompatibbli mal-grad tiegħu. Ir-rikorrent spjega li d-doveri li ngħata ma kinux kompatibbli ma' rwol fi grad maniġerjali, iżda ma' rwol klerikali. Qal li huwa ma kienx f'pożizzjoni li jaċċetta li jirritorna lura jaqdi doveri ferm inferjuri għal doveri kompatibbli ma' rwol maniġerjali, u għalhekk l-impjieg tiegħu mal-bank intimat ġie tterminat fit-2 ta' Mejju, 2019, taħt il-pretest li r-rikorrent kien abbanduna l-post tax-xogħol. Ir-rikorrent qal li minkejja li huwa talab biex jitħalla jagħmel ilment formali, huwa ġie kategorikament imċaħħad milli jagħmel dan, minkejja li t-talba f'dan ir-rigward saret qabel ġie tterminat l-impjieg tiegħu, u minkejja li din it-talba saret skont il-proċedura kkontemplata fil-Ftehim Kollettiv viġenti dak iż-żmien, kif ukoll kienet proċedura kkontemplata fil-*Human Resources Manual* tal-bank intimat, u kienet tissejjaħ *Individual Grievance Procedure.* Ir-rikorrent qal li l-*Individual Grievance Procedure* tifforma parti mill-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu bħala impjegat tal-bank intimat, u ksur ta' din il-kundizzjoni tax-xogħol iġib miegħu s-sanzjonijiet ikkontemplati fil-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li huwa ma setax jiġi kostrett jaċċetta impjieg fi grad inqas minn dak li kellu qabel, u għalhekk jemmen li l-bank intimat iddiskrimina bil-kbir fil-konfront tiegħu, kemm għaliex ċaħħdu milli jagħmel użu mill-*Individual Grievance Procedure,* kif ukoll għaliex f'istanzi oħra ma mexiex bl-istess mod ma' ħaddiema oħra. Ir-rikorrent qal li

f'istanzi simili, il-bank intimat jew estenda l-*career break* jew offra *early retirement scheme* lil ħaddiema fl-istess sitwazzjoni. Qal li għalhekk il-bank intimat iddiskrimina kontra tiegħu, u din it-terminazzjoni tal-impjieg kienet waħda inġusta. Permezz tat-talbiet tiegħu, ir-rikorrent talab li t-Tribunal jiddikjara li effettivament seħħet it-tkeċċija inġusta tiegħu minn mal-bank intimat, u għalhekk talab lit-Tribunal jillikwida l-kumpens għal din it-tkeċċija inġusta skont il-liġi, kif ukoll għall-ħlas tal-benefiċċji dovuti skont il-Ftehim Kollettiv viġenti dak iż-żmien. Talab ukoll li jiġi ddikjarat li l-bank mexa b'mod diskriminatorju kontra tiegħu, u għalhekk talab lit-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut lilu *ai termini* tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u talab għal-likwidazzjoni tal-ammont dovut għal ħdax-il ġimgħa *notice* skont il-liġi.

3. Il-bank intimat fir-risposta tiegħu qal li mhux ikkontestat li r-rikorrent kien impjegat tiegħu bħala *Senior Marketing Manager.* Żied jgħid li lanqas m'huwa kkontestat li r-rikorrent ingħata *career break* b'effett mit-2 ta' Mejju, 2018, liema *career break* kien bla ħlas skont it-termini tal-Ftehim Kollettiv li kien viġenti bejn il-bank intimat u l-ħaddiema tiegħu. Qal li r-rikorrent, fir-rikors tiegħu, naqas milli jgħid li meta talab il-*career break,* huwa kien ġie infurmat li ma kien hemm l-ebda garanzija li kien ser jingħata xi rwol partikolari wara li jagħmel perijodu barra, u lanqas ma ngħata l-garanzija ta' xi rwol partikolari. Il-bank intimat spjega li waħda mill-kundizzjonijiet tal-*career break* fil-fatt kienet li "*[w]hilst a return role is guaranteed, we are unable to commit to what that role will be and you understand the risk associated with taking a career break with this in mind".* Il-bank intimat spjega li fl-istess *email,* ir-rikorrent ġie infurmat li kien fl-interess tiegħu li jżomm kuntatt mal-bank waqt il-perijodu tal-

*career break,* kif ukoll li jibqa' aġġornat bit-tibdil li jkun qiegħed iseħħ, sabiex itejjeb il-prospetti li jiġi offrut rwol xieraq mar-ritorn tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Il-bank intimat spjega li r-rikorrent kien aċċetta dawn it-termini, u kien bagħat jinforma lill-bank bid-data meta kien fi ħsiebu jibda l-*career break.* Il-bank intimat qal li r-rikorrent ma żammx kuntatt regolari mal-bank waqt il-perijodu ta' *career break,* u fis-26 ta' April, 2019 ittieħdet l-inizjattiva li jsir kuntatt mar-rikorrent, fejn dan ġie infurmat li fiż-żmien li huwa kellu jirritorna mill-*career break,* ma kien hemm l-ebda vakanza fis-sezzjoni tal-*marketing,* iżda kien ser ikun hemm rwoli oħra potenzjali li huwa seta' jikkonsidra, inkluż rwoli fi gradi għolja fil-bank. Il-bank intimat spjega li fl-istess *email,* ir-rikorrent ġie infurmat li mar-ritorn tiegħu kien ser jingħata "*a temporary RBWM based role until a permanent role is identified.*" Il-bank qal li r-rikorrent wera d-diżappunt tiegħu għal dan, minkejja li huwa kien jaf mill-bidu li ma kien hemm l-ebda garanzija li fi tmiem il-*career break* kien ser jingħata l-istess rwol li kellu qabel, jew xi rwol partikolari. Il-bank spjega li f'*email* oħra tad-29 ta' April, 2019, ċertu David Perotti kien stieden lir-rikorrent jirritorna lura f'dan ir-rwol temporanju sakemm jinstab rwol permanenti għalih. Il-bank qal li dan ir-rwol il-ġdid offrut lir-rikorrent kien fl-istess dipartiment, fl-istess grad, bl-istess salarju u *reporting lines* li kellu r-rikorrent fir-rwol li kien jokkupa qabel il-*career break.* Il-bank spjega li r-rikorrent kellu jirritorna lura fit-2 ta' Mejju, 2019, iżda dan baqa' ma kkonfermax li kien ser jirritorna lura, u wera d-diżappunt tiegħu għal dak li kien offrut lilu mill-bank. Il-bank intimat qal li min-naħa tiegħu ma kellu l-ebda għażla għajr li jinforma lir-rikorrent li jekk ma kienx ser jirrapporta lura x-xogħol fid-data tat-terminazzjoni tal-*career break,* l-impjieg tiegħu kien ser jitqies li ġie

tterminat. Il-bank intimat qal li r-risposta tar-rikorrent għal dan kienet li huwa xtaq iressaq *grievance* skont il-Ftehim Kollettiv. Il-bank intimat qal li huwa kien informa lir-rikorrent li sabiex isir dan, huwa kellu l-ewwel jirritorna għax-xogħol bħala impjegat, imbagħad kien ikollu d-dritt li juża din il-proċedura. Il-bank intimat qal li r-rikorrent la wieġeb għal din l-*email* u lanqas irritorna għax-xogħol, iżda baqa' jinsisti fuq li jingħata bidu għall-proċedura taħt il-Ftehim Kollettiv, u għalhekk il-bank intimat ma kellu l-ebda għażla għajr li jittermina l-impjieg tar-rikorrent. Il-bank intimat qal li għalhekk ma kien hemm l-ebda tkeċċija inġusta tar-rikorrent mill-impjieg, iżda kien hu li għażel li ma jirritornax lura għax-xogħol meta ntemm il-*career break* tiegħu. Il-bank intimat qal li lanqas ma seħħet xi forma ta' diskriminazzjoni mar-rikorrent, u lanqas m'huwa ċar fuq liema bażi dan qiegħed jallega li ġie ddiskriminat mill-bank intimat.

**<u>Mertu</u>**

4. Fid-Dikjarazzjoni tal-Każ ippreżentata minnu, ir-rikorrent spjega li huwa kien beda l-impjieg tiegħu mal-bank intimat fit-22 ta' Settembru, 2009. Qal li tul is-snin huwa okkupa rwoli differenti, fejn b'mod kontinwu ngħata *performance and behaviour ratings* tajbin ħafna. Qal li huwa ħadem mal-bank intimat fi tliet pajjiżi barra minn Malta, u kien jifforma parti mit-*talent pool* tal-bank. Qal li f'Marzu tal-2018, ftit ġimgħat biss qabel kellu jibda l-*career break* tiegħu, huwa kien ġie rikonoxxut mill-bank intimat bħala wieħed mir-rebbieħa tal-*Employee of the Year Awards.* Ir-rikorrent qal li l-aħħar kariga tiegħu fil-bank intimat kienet ta' *Senior Marketing Manager.* Qal li huwa applika għal *career break* sabiex ikollu opportunitajiet javvanza fil-karriera bankarja tiegħu, u t-talba

tiegħu ġiet milqugħa mid-diriġenti tal-bank, minkejja li kien ġie suġġerit lilu li jipposponi d-data tat-tluq temporanju tiegħu sat-2 ta' Mejju, 2018. Qal li tul il-*career break* tiegħu huwa kien fuq *leave* mingħajr ħlas, u tul dan iż-żmien huwa żamm kuntatt regolari mal-bank, baqa' jirċievi ċ-ċirkolarijiet li jinħarġu mill-bank, u anki attenda l-attivitajiet soċjali li kien ikun mistieden għalihom. Qal li huwa għamel dan bil-ħsieb li jkun ippreparat bl-aħjar mod possibbli meta jiġi biex jirritorna lura lejn il-post tax-xogħol tiegħu. Qal li f'dan iż-żmien ukoll huwa kien talab li jiltaqa' mal-Kap tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani, iżda t-talba tiegħu ma ġietx milqugħa. Qal li f'Marzu tal-2019, ikkuntattjah kollega mill-bank, li kien talbu jikkonferma jekk kinitx l-intenzjoni tiegħu li jirritorna fl-impjieg mal-bank fi tmiem il-*career break,* u r-rikorrent qal li huwa kien ikkonferma dan.

5. Ir-rikorrent żied jgħid li eventwalment kien sar kuntatt miegħu minn impjegati fit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, fejn kien ġie stabbilit li l-korrispondenza tiegħu dwar il-*career break* kienet intilfet; fejn huwa għamel diversi proposti ta' rwoli fid-dawl tal-esperjenza u l-kwalifiki akkademiċi tiegħu, iżda ġie nfurmat li l-proposti tiegħu ma setgħux jintlaqgħu; fejn huwa ġie mistoqsi kienx interessat fil-kariga ta' *Relationship Manager* fi grad ekwivalenti għal tiegħu, iżda minkejja li kkonferma l-interess tiegħu f'din il-kariga, ma sema' xejn dwar dan; fejn ġie suġġerit lilu li japplika għall-kariga ta' *Head of Business Management, Compliance,* liema kariga huwa la għandu ħiliet u lanqas kwalifiki għaliha; fejn intalab imur lura fid-dipartiment li kien jaħdem fih preċedentement fi rwol ta' *support,* liema xogħol ir-rikorrent qal li huwa tal-anqas żewġ gradi inqas mir-rwol li kien jokkupa qabel. Ir-rikorrent qal li meta

huwa rrisponda li din il-proposta ma kinitx aċċettabbli għalih, huwa ġie nfurmat li f'każ li jonqos milli jippreżenta ruħhu għax-xogħol fit-2 ta' Mejju, 2019, kien ser jiġi meqjus li abbanduna l-impjieg tiegħu. Ir-rikorrent qal li t-talbiet tiegħu jagħmel użu mill-proċedura ta' *grievance* ġew injorati min-naħa tal-bank intimat, sakemm fit-2 ta' Mejju, 2019, għall-ħabta tat-2:43pm, meta l-ġurnata tax-xogħol tiegħu kienet għadha ma spiċċatx, huwa ġie infurmat li l-impjieg tiegħu mal-bank intimat kien qiegħed jiġi tterminat. Ir-rikorrent qal li huwa ħass li kien qiegħed jiġi diskriminat, għaliex impjegati oħra li wkoll ingħataw *career break,* ma rċevewx l-istess trattament mill-bank intimat meta rritornaw lura fl-impjieg. Qal li meta ntemm il-*career break* ta' impjegati oħra, il-bank ra kif għamel biex ġenwinament jgħinhom isibu post fil-grad li kellhom, jew estendilhom il-*career break* bit-tama li dawn jerġgħu jiġu impjegati mal-bank aktar 'il quddiem, u fejn iċ-ċirkostanzi kienu tali li l-bank ma kellux bżonn aktar is-servizzi ta' dawn l-individwi, il-bank offra skema ta' irtirar kmieni hekk kif jikkontempla l-Ftehim Kollettiv. Qal ukoll li meta ħaddiema oħra talbu biex jagħmlu użu mill-proċedura tal-*Grievance,* il-bank laqa' dawn it-talbiet u anki ħallihom jagħmlu użu mill-proċedura ta' *individual grievance* li qegħda kkontemplata fil-Ftehim Kollettiv. Qal li dan ma ġarax fil-każ tiegħu, u meta talab biex jagħmel *grievance* bl-għajnuna tal-*union* li hu kien membru tagħha, il-bank qabad u tterminalu l-impjieg.

6. Ix-xhud **David Perotti**, prodott mill-bank intimat, ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal, fejn spjega li hu ilu jaf lir-rikorrent sa minn meta dan beda jaħdem il-bank, u żied jgħid li kien hu l-persuna responsabbli mir-reklutaġġ tar-rikorrent. Qal ukoll li l-bank investa ħafna fir-rikorrent, u anki offrielu esperjenzi

ta' xogħol barra minn Malta. Qal li wara numru ta' snin, ir-rikorrent talab *career break,* u spjega li dan it-tip ta' *leave* ma jingħatax bi dritt lil kull min japplika għalih, iżda huwa fid-diskrezzjoni tal-bank. Qal li r-rikorrent talab dan il-*break* sabiex ikun jista' jmur jaħdem f'post ieħor sabiex ikabbar l-esperjenza tiegħu, bil-ħsieb li eventwalment ikun jista' jirritorna fl-impjieg li kellu mal-bank intimat. Qal li l-klawsola relattiva fil-Ftehim Kollettiv tipprovdi għal dan il-*leave* speċjali bil-kundizzjoni li l-impjegat ma jmurx jaħdem fis-settur tas-servizzi finanzjarji waqt li jkun bil-*career break* tiegħu. Ix-xhud qal li meta r-rikorrent applika għal *career break,* kien ġie infurmat li dan kien għal perijodu massimu ta' tnax-il xahar, u li kien hemm element ta' riskju marbut ma' dan il-*leave* għaliex ma seta' jiġi ggarantit l-ebda rwol lill-impjegat li jkun ħa dan il-*leave* speċjali mar-ritorn tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud spjega li jkun hemm istanzi meta rwol partikolari jimtela minn persuna oħra waqt il-perijodu tal-*career break* ta' xi individwu, u huwa għalhekk li min japplika għal dan il-waqfien temporanju mill-impjieg ikun qiegħed jieħu ċertu riskju. Ix-xhud kompla jgħid li meta kien wasal biex jiskadi l-perijodu ta' waqfien temporanju mill-impjieg tar-rikorrent, kien sar kuntatt miegħu sabiex jiġi stabbilit jekk kienx fi ħsiebu jirritorna fl-impjieg, kif ukoll sabiex jiġi stabbilit xi rwol kien ser jibda jaqdi mar-ritorn tiegħu fl-impjieg. Ix-xhud qal li meta r-rikorrent ġie offrut *supporting role* fid-dipartiment tal-*marketing,* il-ħsieb ma kienx li dan jingħata xi kariga fi grad inferjuri għal dak li r-rikorrent kellu qabel, iżda li dan jiġi offrut esperjenza ta' xogħol sakemm eventwalment ikun jista' jassumi rwol aktar permanenti. Ix-xhud qal ukoll li r-rikorrent kien ser jitħalla bl-istess salarju, bl-istess grad u bl-istess *reporting lines* li kellu qabel ma telaq. Qal li r-rikorrent kien diżappuntat

b'din l-offerta tal-bank, u kiteb *email* sabiex jesprimi dan. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien ġie mwissi li f'każ li jonqos li jirrapporta għax-xogħol fit-2 ta' Mejju, 2019, il-bank intimat kien ser iqis dan bħala abbandun tal-post tax-xogħol, bil-konsegwenza li l-impjieg tar-rikorrent jiġi tterminat.

7. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, dan ix-xhud qal li r-rikorrent applika għal *career break* fl-2018, u dan kellu jibda fis-17 ta' April, 2018, iżda kien hemm bżonn li jsir xi xogħol fid-dipartiment fejn kien jaħdem ir-rikorrent, u għalhekk dan ġie pospost b'ġimagħtejn, u r-rikorrent beda l-*career break* fit-2 ta' Mejju, 2018. Żied jgħid li effettivament ir-rikorrent kellu jidħol lura mill-*career break* fit-2 ta' Mejju, 2019. Qal li l-prassi biex wieħed jidħol lura għax-xogħol hija li jkun hemm diskussjonijiet bejn il-bank u l-individwu dwar ir-rwoli proposti għall-persuna li tkun ser tirritorna fl-impjieg. Qal li meta saret din il-komunikazzjoni mar-rikorrent, dan kien wieġeb li r-rwoli proposti ma kinux jgħoddu għalih, u li huwa kien qiegħed jagħmel xogħol utili ħafna fil-'*country's sovereign wealth fund',* u għalhekk ma kienx tal-fehma li l-opportunitajiet offruti lilu mill-bank kienu jilħqu l-aspettattivi tiegħu. Ix-xhud qal li huwa ma jaqbilx li r-rwol offrut lir-rikorrent kien fi grad inferjuri minn dak li kellu qabel ma ngħata l-*career break.* Qal ukoll li ħadd ma spjega lir-rikorrent eżattament x'kien mistenni li jagħmel mar-ritorn tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Kompla jgħid li r-rikorrent wera ruħu diżappuntat hekk kif sema' l-kelma "*supporting role*", u mill-ewwel qal li ma kienx kuntent b'dak li kien qiegħed jiġi propost mill-bank intimat. Ix-xhud qal ukoll li r-rikorrent kien ser iżomm l-istess salarju li kellu qabel telaq fuq il-*career break.* Ix-xhud ikkonferma li ħafna mis-*supporting roles* fi ħdan il-bank ikunu fil-gradi klerikali, u qal li f'ħafna mir-rwoli fil-livell

maniġerjali ma jkunx hemm *supporting roles.* Qal ukoll li kien biss madwar jumejn qabel kellu jidħol lura fl-impjieg, li r-rikorrent kien wera l-intenzjoni li jiftaħ *grievance procedure* permezz tal-*union* li tirrappreżentah. Ix-xhud spjega in kontro-eżami, li persuni fis-sitwazzjoni tar-rikorrent u li ma jkunux qegħdin jattendu għax-xogħol, jitqiesu li abbandunaw l-impjieg tagħhom f'każ li dawn jonqsu milli jidħlu lura għax-xogħol wara l-perijodu tal-*leave* tagħhom.

8. Xhud ieħor li ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal kien **Tonio Mallia**, *Acting Head of Marketing* mal-bank intimat, li qal li fis-sena 2018, ir-rikorrent kien talab *career break* għal perijodu ta' sena. Qal li meta wasal iż-żmien biex ir-rikorrent jirritorna fl-impjieg, kienu saru diskussjonijiet interni sabiex jiġi stabbilit xi rwol kien ser jaqdi r-rikorrent mar-ritorn tiegħu fil-bank, u spjega li wieħed mir-riskji li impjegat jiffaċċja meta jieħu *career break,* huwa li dan ma jkollu l-ebda garanzija tar-rwol li ser ikollu jibda jaqdi mar-ritorn tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Qal li huwa ma sema' xejn mingħand ir-rikorrent, iżda kien kellmu David Perotti li kien staqsieh kienx ser ikun hemm xogħol għar-rikorrent f'każ li dan imur jaħdem lura fid-Dipartiment tal-*Marketing.* Qal li waħda mill-problemi li kien hemm dak iż-żmien, kienet li ma setgħetx tiżdied il-*head count* tal-impjegati.

9. Quddiem it-Tribunal xehed ukoll **Ray Ellul**, Kap Eżekuttiv tan-National Development Social Fund (NDSF), li spjega li din hija aġenzija governattiva li tamministra l-flus ġejjin mill-iskema ta' ċittadinanza b'investiment. Qal li r-rikorrent kien beda jaħdem ma' din l-aġenzija fis-26 ta' Marzu, 2018 b'kuntratt definit ta' tliet snin. Qal li r-rikorrent ġie ingaġġat wara li kien hemm sejħa pubblika, u f'dan ir-rwol huwa kien suġġett għal terminu ta' *probation* ta' sena.

Qal li għalhekk il-perijodu ta' prova tar-rikorrent spiċċa fil-25 ta' Marzu, 2019. Ix-xhud spjega li kien hemm qbil intern li l-kuntratti tal-impjegati kollha jiġu mġedda għal perijodu ta' tliet snin oħra, inkluż tar-rikorrent. Ix-xhud qal li l-aġenzija kienet taf li r-rikorrent kien talab *career break* mill-impjieg li kellu qabel, u li dan kien ġie mgħarraf li wara l-perijodu ta' prova, l-impjieg tiegħu seta' jkompli. Qal ukoll li r-rikorrent wera l-intenzjoni li jkompli jaħdem mal-NDSF. Qal ukoll li l-aġenzija fehmet li r-rikorrent kien talab il-*career break* mill-impjieg li kellu mal-bank għal raġunijiet ta' sigurtà tal-impjieg.

10. Ir-rikorrent **Jean Paul Attard**, fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa kien beda l-impjieg tiegħu mal-bank intimat fit-22 ta' Settembru, 2009 bħala *European Management Trainee,* u huwa kien jintbagħat jaħdem barra l-pajjiż. Qal li tul is-snin huwa okkupa diversi rwoli differenti u ngħata *performance & behaviour ratings* tajbin ħafna. Qal li l-aħħar kariga tiegħu mal-bank intimat kienet bħala *Senior Marketing Manager* mill-2015 'il quddiem. Qal li huwa talab *career break* fis-7 ta' Frar, 2018, u din it-talba ntlaqgħet fil-5 ta' Marzu, 2018, oriġinarjament b'effett mis-17 t'April ta' dik is-sena, u sussegwentement b'effett mit-2 ta' Mejju tal-istess sena, minħabba l-esiġenzi tal-bank. Qal li matul il-perijodu ta' dan il-*leave* huwa żamm kuntatt regolari mal-bank intimat, talab u beda jirċievi kull ċirkolari li tinħareġ, u anki kien ikun infurmat bl-opportunitajiet ta' xogħol li joffri l-bank intimat. Qal ukoll li minn Ġunju tal-2018, huwa pprova jiltaqa' formalment ma' Caroline Buhagiar Klass, il-Kap tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani sabiex jibni relazzjoni professjonali magħha, iżda t-tweġiba tagħha kienet li kienu ser jiltaqgħu wara l-perijodu ta' *leave* tar-rikorrent. Qal li fit-8 ta' Marzu, 2019, kien ċempillu Tonio Mallia, kollega tiegħu mid-Dipartiment tal-

Marketing, li kien staqsieh kienx fi ħsiebu jirritorna fl-impjieg mal-bank, u huwa kien ikkonferma li l-intenzjoni tiegħu kienet li jirritorna fl-impjieg. Qal li imbagħad fit-22 ta' Marzu, 2019, kienet ikkuntattjatu Loredana Mallia, mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani tal-bank, li kienet staqsietu x'kien fi ħsiebu jagħmel ladarba jispiċċa l-*career break,* u huwa kien infurmaha li kien fi ħsiebu jirritorna fl-impjieg tal-bank, u kien għamlilha diversi proposti dwar oqsma fil-bank fejn huwa seta' jagħti l-aħjar servizz, fosthom fid-Dipartiment tal-Komunikazzjoni, fil-Marketing, fl-Operations, u fil-Corporate Social Responsibility. Qal li Mallia iżda kienet infurmatu li l-bank ma kellu l-ebda vakanzi f'dawk l-oqsma, u kienet staqsietu jekk kienx interessat fil-grad ta' *Relationship Manager,* li essenzjalment kien l-istess grad li kellu qabel. Qal li huwa kkonferma l-interess tiegħu, u kien ġie imwiegħed li kellu jikkuntattjah Nicholas Elias, il-Kap tad-Dipartiment il-ġdid fejn kien ser jibda jaħdem. Qal li fil-fatt huwa ntalab jissottometti kopja aġġornata tas-CV tiegħu. Ir-rikorrent kompla jgħid li f'dik l-istess ġimgħa kien iltaqa' ma' David Perotti f'attività soċjali, u dan kien talbu jżommu aġġornat dwar dak li kien ser jagħmel. Qal ukoll li Nicholas Elias baqa' ma kkuntattajhx, u għalhekk huwa reġa' kkomunika ma' Loredana Mallia u infurmaha b'dan. Qal li fl-10 ta' April, 2019, reġgħet ikkuntattjatu Loredana Mallia, li kienet qaltlu li kellha proposta aħjar għalih, għaliex kien hemm vakanti l-post ta' *Head of Business Management,* u ħeġġitu japplika sabiex jiġi intervistat. Qal li huwa ma kellu l-ebda għarfien dwar *compliance,* u wara li qara l-*job description* li bagħtitlu Loredana Mallia, huwa ħass li ma kellux il-ħiliet meħtieġa biex jimla din il-kariga. Qal ukoll li sadanittant kien ikkomunika miegħu David Perotti diversi drabi, u dan kien wiegħdu li ser

jintervjeni hu fil-kwistjoni. Qal iżda li fis-26 ta' April, 2019, Perotti kien bagħatlu *email* fejn kien infurmah li l-perijodu ta' *career break* kien ser jispiċċa fi żmien tliet ijiem ta' xogħol, u li dan il-perijodu ma setax jiġi mġedded, u għalhekk ipproponielu li b'mod temporanju jieħu *retail banking and wealth management role* sakemm ikun hemm vakanza aktar permanenti għalih. Qal li huwa wera d-diżappunt tiegħu għal din il-proposta, u fid-29 ta' April 2019, Perotti reġa' kkuntattjah u qallu li huwa seta' jirritorna fi rwol fejn joffri "*support*". Qal li huwa wieġeb li din il-proposta ma kinitx aċċettabbli għalih, u għalhekk ġie mhedded li jekk ma jirritornax lura x-xogħol wara l-*career break,* huwa kien ser jiġi meqjus li abbanduna l-impjieg. Qal li kien hawn li huwa daħħal ilment formali u informa lil Perotti li kien fi ħsiebu jibda proċeduri ta' *grievance.* Ir-rikorrent kompla jgħid li bħala stat ta' fatt, *support roles* qatt ma jimtlew minn persuni fi gradi maniġerjali jew eżekuttivi, iżda minn impjegati fil-livell klerikali. Qal li r-risposta ta' Perotti kienet li jekk huwa jirritorna lura fl-impjieg fit-2 ta' Mejju, 2019, bħala impjegat tal-bank huwa kellu d-dritt li jiftaħ proċeduri ta' *grievance.* Kompla jgħid li fit-2 ta' Mejju, 2019, qabel tmiem il-ġurnata tax-xogħol, il-bank kien infurmah li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat. Ir-rikorrent kompla jgħid li fit-22 ta' Mejju, 2019, il-bank ippubblika internament opportunità ta' impjieg għal *Head of Operations* fid-Dipartiment tal-Operat. Qal li hu ġie infurmat bit-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mill-Aġenzija JobsPlus, bir-raġuni tat-tmiem tal-impjieg tkun li huwa abbanduna l-post tax-xogħol. Qal li fl-10 ta' Ottubru, 2019, il-bank intimat għalaq numru ta' fergħat, naqqas is-servizzi offruti minnu, u ħareġ skemi ġodda ta' irtirar volontarju. Qal li lilu l-bank ċaħħdu mid-dritt li jidħol lura għax-xogħol fuq kuntratt permanenti, u fil-

preżent huwa għandu biss kuntratt temporanju ta' impjieg. Qal li l-bank tellfu wkoll mill-opportunità li javvanza fil-karriera tiegħu fi rwol li joffri kundizzjonijiet u pakkett finanzjarju aħjar minn dak li għandu jew li qatt jista' jkollu fir-rwol li jokkupa fil-preżent. Qal li huwa tilef ukoll il-protezzjoni u s-sigurtà fl-impjieg li kien igawdi qabel, għaliex il-bank intimat ma jistax jagħmel *redundancies.* Qal li kellu wkoll ċerti benefiċċji bħala impjegat tal-bank intimat, fosthom assigurazzjoni fuq is-saħħa u rati ta' imgħaxijiet vantaġġużi ħafna, u f'każ ta' bżonn mediku seta' jibbenefika wkoll minn *leave* mediku speċjali. Qal li huwa għalhekk jemmen li safa diskriminat, għaliex il-bank intimat mexa b'mod differenti ma' impjegati oħra li wkoll ingħataw *career break* bħalu, tant hu hekk li ħafna minn dawn l-impjegati ngħataw rwol fil-grad li kellhom qabel, jew inkella ġew offruti skema ta' irtirar volontarju mill-bank, liema skema hija kkontemplata fil-Ftehim Kollettiv. Qal li ħaddiema oħra li bħalu talbu li jitħallew iressqu *grievance,* tħallew jużaw din il-proċedura mill-bank intimat, iżda fil-każ tiegħu meta talab biex jagħmel *grievance,* il-bank qabad u tterminalu l-impjieg tiegħu. Ir-rikorrent qal li dan fisser li huwa safa mċaħħad mid-dritt li jiġi rappreżentat minn uffiċjal tal-*union* tal-għażla tiegħu.

11. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ir-rikorrent wieġeb li r-raġuni għalfejn huwa talab *career break,* kienet sabiex huwa jwessa' l-esperjenza tiegħu, u jkun jista' jagħti servizz aħjar lill-bank fejn kien impjegat. Qal li ma jaqbilx li bl-offerti proposti mill-bank qabel ma kellu jidħol lura mill-*career break,* il-bank kien qiegħed jipprova jakkomodah b'xi mod. Qal li safejn jaf hu, rwoli ta' *support* dejjem kienu jimtlew minn impjegati fil-grad klerikali, u li għalhekk dak propost ma kienx aċċettabbli għalih. Qal ukoll li l-bank ma setax

iqiegħed persuna fi grad maniġerjali fi rwol klerikali. Qal li huwa ħassu urtat għaliex intalab jirritorna fl-impjieg fil-bank mingħajr ma kien hemm rwol definit għalih, u l-agħar ħaġa kienet li meta huwa wera nuqqas ta' qbil ma' dak propost, huwa ġie mkeċċi mill-impjieg. Qal ukoll li meta huwa tkellem ma' Loredana Mallia, din offrietlu li japplika għall-vakanzi li kien hemm, u huwa ma ġie offrut l-ebda rwol. Qal ukoll li filwaqt li skemi ta' irtirar volontarju huma fid-diskrezzjoni tal-bank, f'każ li l-bank jiddeċiedi li m'għadx hemm bżonn is-servizzi ta' persuna partikolari, m'hemmx bżonn li jkun hemm żmien meta tinfetaħ skema bħal din. Ir-rikorrent semma wkoll persuni li damu fuq *career break* għal aktar minn tnax-il xahar, u l-bank intimat iffaċilita r-ritorn tagħhom lura fuq il-post tax-xogħol.

## **Id-Deċiżjoni Appellata**

12. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-23 ta' Novembru, 2022, it-Tribunal iddeċieda li l-ewwel talba tar-rikorrent għandha tiġi milqugħa, filwaqt li t-tieni talba tiegħu ġiet miċħuda, u r-rikorrent ġie mogħti kumpens ta' €4,000, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*Il-kwistjoni odjerna hija msejsa fuq allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju u allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta. Matul dawn il-proċeduri ħareġ biċ-ċar illi r-rikorrent ħareġ fuq* career break *matul l-impjieg tiegħu mal-bank, u dan skont dak li jipprovdi l-ftehim kollettiv viġenti, u nqala' diżgwid bejn il-partijiet fir-rigward tal-modalità tar-ritorn tar-rikorrent lura għax-xogħol wara tmiem dan il-perijodu.*

*Rigward l-istqarrija tal-fatti tal-kwistjoni odjerna ma jidhirx li kien hemm xi diżgwid straordinarju bejn il-partijiet, iżda hija biss il-konsegwenza ta' tali fatti u l-mod kif dawn ġew segwiti minn kull parti illi qed twassal għall-pern ta' dina l-kwistjoni.*

*Dan it-Tribunal sejjer l-ewwel u qabel kollox iqis l-allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju.*

*Primarjament, dan it-Tribunal ma jista' jsib li kien hemm l-ebda diskriminazzjoni fir-rigward ta' kif ir-rikorrent ġie trattat fis-sens li ma ġietx ikkunsidrata estensjoni tal-*career break *tiegħu, jew li jingħata għotja fuq l-iskema tal-iritrar volontarju bħalma jallega sar ma' ħaddieħor. L-ewwel nett, ma nġiebet l-ebda prova quddiem it-Tribunal li fil-fatt dan ma kienx minnu – minkejja li ssemmew xi ismijiet f'dan ir-rigward, it-Tribunal ma jistax jistrieħ fuq* detto del detto *u abbażi ta' dan issib li saret xi forma ta' diskriminazzjoni. Fuq kollox, jiġi nnutat ukoll il-ftehim kollettiv innifsu, minn fejn fl-aħħar nett toħroġ il-possibilità tal-*career break*, turi biċ-ċar illi mhux talli d-diskrezzjoni ta jingħatax jew le l-*career break *qiegħda f'idejn il-bank intimat, iżda wkoll li l-massimu huwa ċarament imniżżel bħala wieħed ta' tnax-il xahar.*

*Fir-rigward tal-allegata diskriminazzjoni fl-azzjoni tal-bank fejn allegatament ċaħdet lir-rikorrent jissottometti* grievance*, jiġi nnutat li fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent, meta ħassu urtat bl-azzjonijiet tal-bank intimat, informa lis-Sur Perotti li qiegħed jissottometti* grievance*, liema dikjarazzjoni ġiet milqugħa b'ordni li r-rikorrent jirritorna għax-xogħol sabiex tali* grievance *tiġi diskussa, partikolarment stante li tali* grievance *ġiet sottomessa permezz ta' email ftit jiem qabel id-data li kellu jirritorna, li intant kellha tkun l-għada ta' festa pubblika. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jinsisti li ġie ddiskriminat għaliex il-*grievance *tiegħu ma ġietx milqugħa. Madanakollu, imkien ma ħareġ illi l-bank irrifjuta li jilqa' l-*grievance *tar-rikorrent. Anzi minn hekk, is-Sur Perotti infurmah li din ser tiġi ttrattata mar-ritorn tiegħu lura x-xogħol kif pjanat, li kienet għal jumejn oħra mid-data tal-korrispondenza in kwistjoni.*

*Dan it-Tribunal jinnota li jekk ir-rikorrent kellu diżgwid f'dan ir-rigward minħabba dak li seta' ġenwinament emmen dwar l-irwol ta' support offrut lilu, ma jistax jingħad li huwa mexa b'mod korrett jew wisq anqas professjonali f'dan ir-rigward. Anzi, l-aġir tiegħu kien ferm diżappuntanti f'għajnejn dan it-Tribunal, meta minkejja d-diżappunt tiegħu unilateralment iddeċieda li ma jirrapportax għax-xogħol fil-jum miftiehem, mingħajr ebda spjegazzjoni. Minkejja li dan it-Tribunal jista' jifhem li din setgħet kienet forma ta' protesta min-naħa tar-rikorrent, kien ikun ferm aktar għaqli li kieku rrapporta fuq il-post tax-xogħol, insista fuq il-*grievance *tiegħu direttament mal-HR, u saħansitra anke rrifjuta li jwettaq id-dmirijiet mitluba minnu f'forma ta'* 'sit-in protest' *jekk ħass li l-irwol offrut lilu kien tant inferjuri għall-grad tiegħu, iżda mhux jgħib mingħajr preavviż meta diġà kien ilu nieqes minn fuq il-post tax-xogħol għal sena sħiħa.*

*B'hekk, dan it-Tribunal ma jistax isib li kien hemm xi forma ta' diskriminazzjoni f'dan ir-rigward. Filwaqt li d-deċiżjoni li l-bank jittermina l-impjieg tar-rikorrent, sew jekk kinitx ġusta jew inġusta, hija għal kollox separata mid-deċiżjoni tiegħu li jaċċetta jew jiċħad il-*grievance *tar-rikorrent. Id-deċiżjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg ittieħdet stante l-fatt li r-rikorrent volontarjament għażel li ma jirrappurtax għax-xogħol, hekk kif se jiġi kkunsidrat aktar 'l isfel, u għaldaqstant ma jkunx għaqli li dan it-Tribunal jiddeċiedi u jsib li saret xi forma ta' diskriminazzjoni f'dan ir-rigward, għaliex is-sur Perotti kien informa lir-rikorrent li l-*grievance *tiegħu kienet se tiġi milqugħa, iżda li kien hemm bżonn li jirrapporta għax-xogħol, u dan fil-jum stabbilit. Intant, dan it-Tribunal ma jistax ma jikkonkludix li, kieku r-rikorrent fil-fatt irritorna għax-xogħol, is-sitwazzjoni setgħet kienet differenti. Filwaqt li t-Tribunal għandu jistrieħ fuq fatti u mhux preżunzjonijiet u/jew spekulazzjonijiet, hija preżunzjoni li l-bank ma kienx se jaċċetta l-*grievance *tar-rikorrent daqs kemm hija preżunzjoni li l-bank seta' aċċettaha li kieku r-rikorrent irritorna għax-xogħol. Għaldaqstant, u wara analiżi bbażata fuq il-*balance of probabilities *skont il-fatti hekk kif dedotti quddiem dan it-Tribunal, il-bank wera sa livell sodisfaċenti li kien se jkun hemm presegwiment tal-*grievance *li kieku r-rikorrent irritorna għax-xogħol kif miftiehem.*

*Is-surriferit huwa distint mill-fatt tat-terminazzjoni nnifisha, u għaldaqstant il-kwistjoni tal-allegata diskriminazzjoni għandha tiġi evalwata indipendentement mill-allegata tkeċċija inġusta.*

*B'hekk, dan it-Tribunal sejjer issa jikkunsidra l-allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta.*

*Fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent jinsisti illi huwa kellu kull intenzjoni li jirritorna għax-xogħol fi tmiem il-*career break *tiegħu, u intant jinsisti li tali* career break *ittieħed sabiex anke jipprovdi titjib fix-xogħol tiegħu fi ħdan il-bank innifsu. Jgħid ukoll illi kien proattiv fil-perijodu ta' tmiem tali* career break *u ddiskuta mad-dipartiment tar-riżorsi umani ċerti rwoli possibbli illi seta' rritorna fihom, filwaqt li kien konxju illi kien hemm ċans li l-irwol li kellu qabel ma kienx jibqa' vakanti.*

*B'danakollu, il-bank donnu ried jagħti lil dan it-Tribunal x'jifhem illi tali attentati min-naħa tar-rikorrent kienu* fait accompli *fejn huwa ma kellu l-ebda intenzjoni li jirritorna lura lejn il-bank, u li jkompli fuq ix-xogħol li kien qiegħed iwettaq mal-aġenzija li magħha ħadem matul il-*career break *tiegħu, u dan għar-raġuni illi huwa kien daħal għal impjieg definittiv ta' tliet snin u li l-perijodu ta' prova skont l-istess kuntratt kien laħaq għadda b'numru ta' ġimgħat sad-data tar-ritorn tar-rikorrent lura l-bank, li b'hekk l-abbandun ta' dan il-kuntratt seta' swieh mal-€47,000 f'penali. Ir-rikorrent*

*jinsisti li dan xejn m'huwa minnu li intant il-kuntratt kellu inseriti fih* exit clauses *għat-tluq tiegħu.*

*Fl-ewwel lok, filwaqt li dan it-Tribunal ġie rinfaċċjat b'teżijiet opposti fir-riwgard tal-intenzjonijiet tar-rikorrent f'dan il-punt, ma jistax jiġi innegat illi fir-realtà huwa daħal għal kuntratt ta' impjieg b'terminu fiss ta' 3 snin, filwaqt li kien ben konxju illi l-*career break *tiegħu kienet għal perijodu ta' sena biss (u fuq kollox, il-ftehim kollettiv huwa ċar fi kliemu li tali perijodu huwa l-*"maximum"*). Lanqas ma jreġi l-argument li l-perijodu ta' prova kien ta' sena, li jikkorrispondi mat-tul tal-*career break*, għaliex il-kuntratt tal-NDSF tnieda f'Marzu 2018, filwaqt li l-*career break *kien minn Mejju 2018 sa Mejju 2019, u għaldaqstant fi tmiem il-*career break*, il-perijodu ta' prova kien se jkun ilu li ntemm. Jekk ukoll kien ikun hemm xi lok ta' dubju, jiġi innotat ili d-data tal-bidu tal-impjieg (Marzu 2018) hija miktuba bl-idejn fuq l-istess kuntratt, u b'hekk ma jistax jingħad li saret bi żvista meta ġie pprintjat il-kuntratt oriġinarjament, u ma nbidlet qatt, u fil-fatt l-użanza li dik li tissejjaħ* "commencement date" *tinkiteb bl-idejn hija komuni sabiex fil-fatt ikun hemm ċertezza f'dan ir-rigward meta jibda miexi l-perijodu ta' prova. Jingħad ukoll illi l-*exit clauses *li jsemmi r-rikorrent ma ġew ċitati imkien, u fil-fatt ma jidhru imkien fl-istess kuntratt. Lanqas ma jista' jiġi skartat il-fatt illi Ray Ellul xehed illi wara l-ewwel sena tal-impjieg tar-rikorrent mal-aġenzija, l-istess rikorrent wera x-xewqa li jkompli jaħdem mal-aġenzija.*

*Nonostante dan, filwaqt li dan it-Tribunal jinnota l-fatt li r-rikorrent daħal għal kuntratt ta' dan it-tip li ma jreġix mal-kundizzjonijiet u t-terminu tal-*career break *hekk kif maqbul mal-bank, u li hemm lok li tali fatti jikxfu fir-realtà x'kienu l-intenzjonijiet tiegħu, it-tmiem potenzjali tal-istess kuntratt estern u l-konsegwenzi finanzjarji peżanti li seta' jġib miegħu hija kwistjoni u deċiżjoni personali tar-rikorrent li ma kellha jkollha l-ebda effett fuq id-deċiżjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg min-naħa tal-bank intimat.*

*B'danakollu, min-naħa tal-bank innifsu jidher li kien hemm nuqqas ta' organizzazzjoni fil-preparamenti tal-wasla tar-rikorrent lura għax-xogħol. Filwaqt li d-data prevvista kienet fissa bi qbil, jidher li kien hemm xi rwoli li ġew diskussi mar-rikorrent iżda li ma sar xejn fuqhom. David Perotti jixhed illi filwaqt li tali proċess kien qiegħed jiġi direġit minn membru tad-dipartiment tal-HR li kienet qed tipprepara biex tirreżenja, huwa ħa r-riedni fuq din il-materja odjerna iżda ż-żmien tar-ritorn tar-rikorrent kien qrib ferm, u li kien għalhekk li s-Sur Perotti talab lir-rikorrent jidħol f'*support role *mad-dipartiment tal-Marketing fejn kien ingaġġat qabel, sakemm jinsab rwol adegwat*

*għalih. Tajjeb li wieħed jinnota wkoll illi ma kien ser ikun hemm l-ebda telf la fil-grad u wisq anqas fil-paga.*

*Ma hemm l-ebda lok ta' dubju li l-bank seta' kien iżjed proattiv f'dan ir-rigward. Ir-rikorrent xehed, u dan ma ġiex innegat mill-bank, illi kien hemm diskussjonijiet dwar xi rwoli u anke kellu jirċievi iżjed informazzjoni fuq rwol partikolari, liema azzjoni qatt ma saret, u dan filwaqt li l-jum tar-ritorn tar-rikorrent kien dejjem qed joqrob. Meta daħal is-Sur Perotti fil-biċċa, inħoloq dan l-irwol ta'* support ad hoc *fuq bażi temporanja, u r-rikorrent iddikjara li ma setax jaċċetta rwol subordinanti. Jidher ċar li kien hemm sens ta' ġenn, għaliex il-bank lanqas biss ta spjegazzjoni lir-rikorrent dwar fiex kien se jikkonsisti dan l-irwol. B'danakollu, lanqas ma jista' jiġi nnegat il-fatt li r-rikorrent lanqas ħa l-inizjattiva li jsaqsi għal iżjed informazzjoni dwar dan l-irwol, iżda minflok ġibed il-konklużjonijiet li ried hu u minflok mexxa bl-azzjoni tal-*grievance *u tal-union.*

*Wieħed jistaqsi jekk tali rwol kienx attwalment subordinanti għal dak li kellu qabel ma beda l-*career break *ir-rikorrenti, ossia l-irwol ta' Marketing Manager, jew fil-fatt kienx verament wieħed ta' natura klerikali. Minn banda r-rikorrent jisħaq li n-nomenklatura ta'* support *dejjem tirrelata mal-grad klerikali, filwaqt li Tonio Mallia xehed li r-rikorrent kien se jkun qed jagħti assistenza fil-marketing għaliex xogħol biżżejjed għalih kien hemm, filwaqt li rwoli klerikali fl-istess dipartiment ma kinux jeżistu. Filwaqt li r-rikorrent jisħaq illi rwol ta' 'support' fi ħdan id-dipartiment tal-Marketing dejjem ikollu insinwazzjonijiet ta' natura klerikali, dan it-Tribunal għandu jħares lejn dan il-fatt b'mod oġġettiv, u intant ma jistax jingħad li kien ġust li r-rikorrent assuma li dan kien minnu, mingħajr ma talab spjegazzjon ta' fiex kien se jikkonsisti dan ir-rwol, nonostante l-fatt li s-Sur Perotti naqas milli jagħmel dan mill-bidu huwa nuqqas min-naħa tal-bank stess ukoll.*

*Minkejja dan, x'kienet verament in-natura ta' dan l-irwol huwa irrilevanti għal dan it-Tribunal. Kif ġie ritenut, jekk ir-rikorrent ħassu tant urtat b'din id-deċiżjoni li emmen li se tfisser degradazzjoni tal-karriera tiegħu, ir-reazzjoni ġusta mingħajr ebda dubju ma kellhiex tkun li unilateralment jiddeċiedi li ma jitfaċċax għax-xogħol.*

*In vista ta' dan kollu suespost, l-unika domanda rilevanti li tibqa' għal dan it-Tribunal sabiex jiddetermina t-tkeċċija kinitx waħda ġusta jew le hija jekk il-bank intimat kienx raġonevoli fl-azzjoni tiegħu li tterminatlu l-impjieg fil-jum li fih ir-rikorrent kellu jirritorna għax-xogħol meta dan ma tfaċċax.*

*Il-ftehim kollettiv viġenti ċarament jipprovdi illi l-fatt li impjegat ma jirrappurtax għax-xogħol mingħajr awtorizzazjoni jikkostitwixxi "*misconduct"*, u li din għandha tiġi*

*milqugħa b'azzjoni dixxiplinarja li għaliha l-ftehim kollettiv ma jipprovdix li jista' jkun hemm konsegwenza ta' tkeċċija. Minkejja li l-bank intimat jinsisti illi t-terminazzjoni tal-impjieg saret abbażi ta' abbandun tal-post tax-xogħol, fil-kuntest ta' dak li jipprovdi l-ftehim kollettiv din mhijiex konsegwenza possibbli għal tali forma ta'* "misconduct" *kif speċifikament jipprovdi l-istess ftehim kollettiv. Il-proviżjonijiet tal-ftehim kolletttiv huma ċari ferm u għaldaqstant dan it-Tribunal ma jista' fl-ebda mument japprova jew wisq anqas jittollera ksur tant flagranti f'dan ir-rigward.*

*Filwaqt li dan it-Tribunal isostni li r-rikorrent ma mexiex sew fil-fatt li ma tfaċċax għax-xogħol mingħajr preavviż, nonostante l-protestazzjoni tiegħu, sew jekk kinux ġenwini jew le, lanqas ma mexa sew il-Bank fil-ksur ta' tali provvediment tal-ftehim kollettiv. F'dan ir-rigward, it-Tribunal għandu jdejh marbuta u ma jistax ma jsibx li t-tkeċċija kienet inġusta stante l-ksur flagranti tal-ftehim kollettiv. Li kieku ġiet imnedija azzjoni dixxiplinarja skont il-ftehim kollettiv f'dan ir-rigward kontra r-rikorrent, u huwa ppersista fl-assenza mhux awtorizzata tiegħu mix-xogħol, kienet tkun storja oħra.*

***<u>Deċiżjoni</u>***

*Wara li sema' x-xhieda u ra d-dokumenti prodotti mill-partijiet, u kkunsidra l-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti, filwaqt li jiċħad it-tieni talba tar-rikorrenti.*

*Fir-rigward ta' kumpens, dan it-Tribunal jinnota illi l-argument illi r-rikorrent huwa dovut tliet snin paga f'każ li dan it-Tribunal jiddetermina illi t-tkeċċija tiegħu hija inġusta skont l-artikolu 12(b)(i) tal-ftehim kollettiv ma treġix għaliex il-proviżjoni ċertament tirrelata ma' sensji (tant illi s-sezzjoni numru 12 innifisha hija intitolata "Redundancies & Early Retirement") u b'hekk ma tista' bl-ebda mod tiġi interpretata li tinkwadra kwalunkwe tip ta' terminazzjoni illi dan it-Tribunal jiddeċiedi li tkun inġusta.*

*Għaldaqstant, in vista tal-argumenti miġjuba aktar 'il fuq it-Tribunal jordna lis-soċjetà intimata tħallas il-kumpens ta' erbat elef euro (€4,000) lir-rikorrent fi żmien xahar mid-data tal-lum."*

## <u>L-Appell</u>

13. Il-bank intimat ħassu aggravat bid-deċiżjoni appellata, u ntavola appell minnha fil-5 ta' Diċembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tilqa' l-aggravji mressqa

minnu, u konsegwentement, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal in kwantu dik il-parti fejn ma laqax it-tieni u t-tielet talba tal-appellat, tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata in kwantu fejn laqgħet l-ewwel talba tal-appellat, u tiddikjara li ma seħħet l-ebda tkeċċija inġusta fil-konfront tal-appellat, u għalhekk l-ebda kumpens m'għandu jiġi likwidat a favur tiegħu.

14. Il-bank appellant għamel elenku tal-fatti saljenti li rriżultaw mill-provi li tressqu quddiem it-Tribunal, u għamel riferiment partikolari għax-xhieda ta' Ray Ellul, il-Kap Eżekuttiv tan-National Development and Social Fund [NDSF], li ppreżenta l-kuntratt tax-xogħol tal-appellat mal-NDSF, u spjega li l-appellat beda jaħdem mal-NDSF b'effett mis-26 ta' Marzu, 2018, jiġifieri minn qabel beda l-*career break* tiegħu, b'kuntratt definit ta' tliet snin u b'sena prova. Qal li dan ix-xhud spjega kif lejn tmiem il-perijodu ta' prova, kien hemm diskussjonijiet mal-appellat dwar x'kien fi ħsiebu jagħmel ladarba jispiċċa l-perijodu ta' prova, u dan wera l-intenzjoni li jkompli jaħdem mal-NDSF. Il-bank appellant qal li dan ifisser li meta kellu jerġa' jibda l-impjieg tiegħu mal-bank wara l-*career break*, l-appellat kien marbut mal-NDSF b'kuntratt definit ta' sentejn, minħabba li t-terminu ta' prova kien għalaq fis-26 ta' Marzu, 2019. Il-bank appellant qal li Ellul fix-xhieda tiegħu spjega li l-kuntratt ta' impjieg li kien marbut bih l-appellat jistipula wkoll forma ta' penali f'każ li impjegat jitlaq mill-impjieg qabel l-iskadenza tal-kuntratt. Il-bank appellant qal li f'każ li l-appellat kellu jidħol lura fl-impjieg tal-bank fi tmiem il-*career break* tiegħu, dan kien ser jispiċċa jkollu jħallas penali fl-ammont ta' €47,000 lill-NDSF. Il-bank appellant qal li dan kollu jfisser li l-komunikazzjonijiet tal-appellat mal-bank dwar ir-rwoli li huwa seta' jaqdi mar-ritorn tiegħu fl-impjieg tal-bank u r-rabja u d-diżappunt murija mill-

appellat minħabba li ma ġiex offrut ir-rwol li xtaq, kienu kollha messa in xena min-naħa tal-appellat, għaliex dan ma kellu l-ebda intenzjoni li jirritorna fl-impjieg tal-bank ladarba jintemm il-perijodu tal-*career break* tiegħu. L-appellant qal ukoll li minkejja li fix-xhieda tiegħu l-appellat qal li l-kuntratt ta' impjieg mal-NDSF kellu xi *exit clauses,* f'każ ta' terminazzjoni qabel iż-żmien, dawn ma jirriżultaw minn imkien fil-kuntratt.

15. Il-bank appellant qal ukoll li huwa ben konxju mill-fatt li appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali jistgħu jsiru biss fuq punt ta' liġi, u żied jgħid li f'kawżi marbuta ma' tkeċċija inġusta mill-impjieg, it-Tribunal irid jiddetermina x'kienet ir-raġuni għalfejn l-impjegat ikun tkeċċa mill-impjieg, u li prova bħal din trid issir mill-prinċipal, kif ukoll jekk il-prinċipal kienx raġonevoli fid-deċiżjoni li jkun ħa.

16. Il-bank appellant qal li huwa jħossu aggravat għaliex fil-fehma tiegħu d-deċiżjoni tat-Tribunal ma ssegwix u ma timxix mad-dettami tal-liġi u l-ġurisprudenza stabbilita dwar dak li jikkostitwixxi 'tkeċċija inġusta' *ai termini* tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-bank appellant qal li t-Tribunal daħal fid-dettall dwar x'kien li wassal għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat, u filwaqt li rrimarka li l-bank appellant seta' kien aktar proattiv fir-rigward tar-ritorn tal-appellat lura fl-impjieg mal-bank mat-temm tal-*career break,* qal ukoll li l-appellat ma ħax inizjattiva jistaqsi dwar ir-rwol propost lilu, u minflok silet il-konklużjonijiet li ried hu. Il-bank appellant għamel riferiment ukoll għall-parti tad-deċiżjoni fejn it-Tribunal osserva li jekk l-appellat ħassu daqstant urtat b'dak li emmen li kienet sejra tkun degradazzjoni fil-karriera tiegħu, ir-reazzjoni ġusta tiegħu ma kellhiex tkun dik li unilateralment jiddeċiedi li ma jitfaċċax għax-

xogħol. Qal li t-Tribunal, minkejja li qal li l-appellat ma mexiex b'mod korrett meta ddeċieda li ma jitfaċċax għax-xogħol, iddeċieda li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet inġusta għaliex il-bank ma mexiex mal-Ftehim Kollettiv. Qal li dak li messu għamel it-Tribunal kien li jara jekk il-prinċipal kienx raġonevoli fid-deċiżjoni li jkeċċi lill-impjegat, tenut kont tal-ftehim ċar li kien hemm bejn il-partijiet dwar id-data tar-ritorn lura mal-bank. Il-bank appellant qal li t-Tribunal ma kellux jevalwa jekk kienx hemm ksur tal-Ftehim Kollettiv, u t-Tribunal m'għandux il-kompetenza li jiddeċiedi dwar każijiet ta' ksur ta' kuntratt. Qal li l-kompetenza tat-Tribunal hija limitata biss biex jiddeċiedi dwar jekk il-prinċipal kienx ġustifikat jew le biex jieħu deċiżjoni li jkeċċi lill-impjegat abbażi tal-provi li kellu quddiemu, liema eżerċizzju f'dan il-każ ma kellux iwassal għall-konklużjoni li kien hemm tkeċċija inġusta mill-impjieg, iżda li kien hemm riżenja jew abbandun da parti tal-appellat, li ddeċieda minn jeddu li ma jirritornax lura x-xogħol. Il-bank appellant qal li għalhekk, il-konsiderazzjoni dwar jekk kienx hemm allegat ksur jew le tal-ftehim kollettiv, kellha tkun biss waħda mill-fatturi li kellu jevalwa t-Tribunal, u mhux l-unika evalwazzjoni li jagħmel.

17. It-tieni aggravju tal-bank appellant huwa li t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq allegat ksur tal-Ftehim Kollettiv, partikolarment tal-proċedura ta' dixxiplina, meta din ma tapplikax għall-każ odjern. Il-bank appellant spjega li taħt it-Titolu '*Misconduct*' tal-Ftehim Kollettiv, hemm imniżżla għadd ta' istanzi ta' *misconduct,* fosthom l-assenza mill-post tax-xogħol mingħajr awtorizzazzjoni. Qal li l-Ftehim Kollettiv ikompli jipprovdi li f'dawn il-każijiet ta' *misconduct,* jingħata *warning* jew *transfer* jew tintilef xahar paga jew ma tingħatax iż-żieda fis-salarju li jkun imiss, u jekk ma jkunx hemm titjib fi żmien

sitt xhur mid-data tal-*warning,* ikun hemm it-tieni fażi tal-proċedura ta' dixxiplina. Qal li bejn il-partijiet kien hemm ftehim ċar dwar id-dati meta l-appellat kellu jitlaq u jerġa' jirritorna lura lejn il-bank, u waqt dan il-perijodu l-appellat kien effettivament impjegat x'imkien ieħor u ma kienx qed jirċievi paga mill-bank, minkejja li kien fuq il-kotba tal-bank. Il-bank appellant kompla jgħid li trid issir distinzjoni bejn każ fejn xi ħadd li ordinarjament ikun qiegħed jirrapporta għax-xogħol, jassenti ruħhu mill-post tax-xogħol mingħajr awtorizzazzjoni, u każ fejn impjegat jabbanduna l-post tax-xogħol għaliex jagħżel li ma jirritornax lura fid-data miftiehma, u fil-fatt ma kellu l-ebda intenzjoni li jirritorna lura. Il-bank appellant qal li dan ma kienx każ ta' *misconduct,* iżda każ fejn l-appellat formalment għażel li jibqa' impjegat x'imkien ieħor. Il-bank appellant qal li meta wieħed jara l-penali għal *misconduct,* wieħed jasal biex jikkonkludi li dawn il-penali ma jagħmlu l-ebda sens li jiġu applikati, għaliex ma jagħmilx sens li l-appellat jingħata *warning* meta lanqas biss kien qiegħed jattendi għax-xogħol. Il-bank appellant kompla jgħid li lanqas ma jagħmel sens li jinbdew proċeduri ta' dixxiplina kontra impjegat meta dan kien impjegat x'imkien ieħor, u ma kienx qiegħed jattendi għax-xogħol. Il-bank appellant spjega li l-Ftehim Kollettiv jipprovdi li jekk ma jkunx hemm titjib fi żmien sitt xhur mid-data tat-twissija, ikun hemm it-tieni fażi tal-proċedura ta' dixxiplina, imma din il-konsiderazzjoni ma tapplikax għall-każ odjern, u dan kollu juri li s-sitwazzjoni kkontemplata fil-Ftehim Kollettiv ma tapplikax għall-każ ta' meta wieħed jabbanduna l-post tax-xogħol. Il-bank appellant qal li dan ma kienx każ fejn l-appellat kien assenti mix-xogħol mingħajr awtorizzazzjoni, iżda dan huwa każ fejn l-appellat abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu u għażel li ma

jirritornax lura x-xogħol fi tmiem il-*career break* li ngħata, għaliex m'għoġbux ir-rwol li ngħata. L-appellant qal li bid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal, huwa kien ser jispiċċa f'sitwazzjoni fejn minkejja li impjegat tiegħu abbanduna l-post tax-xogħol, il-bank ma setax itemmlu l-impjieg; kellu jassoġġetta għal proċeduri ta' dixxiplina persuna li kienet impjegata x'imkien ieħor; u kien mistenni li jistenna sitt xhur mid-data tat-twissija sakemm jeskala s-sitwazzjoni. Qal li dan ma kienx każ ta' *misconduct,* iżda każ fejn impjegat minn jeddu abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu. Qal li dan huwa każ fejn l-appellat ried jaħdem x'imkien ieħor, u fl-istess ħin jirċievi tliet snin salarju talli abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu. Qal ukoll li dan jammonta għal abbuż ċar tal-konċessjoni li l-bank jagħti lill-impjegati tiegħu f'ċirkostanzi speċjali biex jużufruwixxu ruħhom minn *career break in bona fede.* Qal li jekk wieħed kellu jiddeċiedi li meta impjegat jabbanduna l-post tax-xogħol, il-bank ikollu jibda proċeduri li jdumu għaddejjin xhur sħaħ qabel jasal għall-konklużjoni loġika li impjegat ikun abbanduna l-post tax-xogħol, il-bank ikollu jikkonsidra d-deċiżjoni tiegħu mill-ġdid qabel jilqa' talbiet futuri għal *career break.*

18. It-tielet aggravju tal-bank appellant huwa li t-Tribunal applika l-liġi ħażin għall-fatti tal-każ, meta injora għal kollox il-prinċipju legali *pacta sunt servanda.* Qal li bejn il-partijiet kien hemm ftehim ċar li l-appellat kiser unilateralment meta ddeċieda li ma jirritornax għax-xogħol, u dak li kellu jevalwa t-Tribunal kien jekk kienx hemm ksur tal-ftehim bejn il-partijiet u jekk kienx raġonevoli l-bank appellant li minħabba dan il-ksur jittermina l-kuntratt ta' impjieg tal-appellat għaliex dan abbanduna l-post tax-xogħol. Il-bank appellant qal li t-Tribunal ma tax importanza lil dan il-ksur tal-prinċipju *pacta sunt servanda,* li ma ssemma

imkien fil-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal. L-appellant qal li t-Tribunal injora wkoll il-prinċipju sanċit fl-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti *in buona fede,* u li fil-każ odjern il-*buona fede* kienet nieqsa min-naħa tal-appellat stante li kien hu li ried imur lura mill-ftehim li kellu mal-bank appellant. Finalment, il-bank appellant qal li tenut kont il-fatti u l-konsiderazzjonijiet legali kollha premessi, it-Tribunal kellu faċilment jikkonkludi li dak li wassal għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet id-deċiżjoni unilaterali tiegħu li ma jonorax il-ftehim milħuq mal-bank appellat, u li jabbanduna l-post tax-xogħol tiegħu, u din l-azzjoni ma kinitx waħda ta' sempliċi *misconduct* kif sab it-Tribunal.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

19. Fir-risposta tiegħu, l-appellat qal li safejn it-Tribunal laqa' l-ewwel talba tiegħu u kkonferma t-tkeċċija inġusta tiegħu mill-impjieg, dik il-parti tad-deċiżjoni għandha titqies li kienet ġusta u timmerita konferma. Qal ukoll li bl-aggravji mressqa mill-bank appellant, għandu jirriżulta li l-bank qiegħed jipprova jitlob lil din il-Qorti tissindaka l-apprezzament tal-fatti li għamel it-Tribunal.

20. L-appellat qal li ma jeżistux dettami tal-liġi dwar dak li jikkostitwixxi 'tkeċċija inġusta', u għalhekk it-Tribunal għandu l-obbligu jixtarr il-fatti sabiex jasal għall-konklużjoni dwar jekk kienx hemm raġuni tajba u suffiċjenti biex l-impjegat jintemmlu xogħlu. Qal li fil-każ odjern it-Tribunal għamel konsiderazzjoni tal-fatti li wasslu għad-deċiżjoni li l-impjieg tiegħu jintemm, u huwa ċar li t-Tribunal għamel analiżi tar-raġonevolezza o meno tat-tkeċċija

tiegħu mill-impjieg. Qal ukoll li biex jasal għall-konklużjoni tiegħu, it-Tribunal bilfors kellu jagħmel riferiment għal dak li jipprovdi l-Ftehim Kollettiv. Qal li huwa ma jistax jifhem għal liema raġuni l-bank appellant qiegħed jinsisti li dan huwa każ ta' riżenja jew ta' abbandun tal-post tax-xogħol, għaliex mill-provi kellu jirriżulta li huwa għamel diversi sforzi, kien hemm proċeduri stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv, u d-dritt tiegħu li jressaq *grievance* safa mxekkel mill-bank appellant.

21. B'riferiment għat-tieni aggravju, l-appellat qal li donnu hawnhekk il-bank qiegħed jgħid li l-proċedura ta' dixxiplina ma kinitx tapplika għalih għaliex huwa kien fuq *career break.* Qal li l-Ftehim Kollettiv sar sabiex jirregola r-relazzjoni bejn il-prinċipal u l-impjegati tiegħu, u dan bl-għajnuna tat-*trade union* li tkun qegħda tirrappreżenta lil dawk l-impjegati. Qal li l-bank appellant jikkontendi wkoll li ladarba huwa qiegħed jitħallas minn x'imkien ieħor, ma kinux japplikaw għalih il-proċeduri ta' dixxiplina, u l-bank donnu li qiegħed jinsa l-obbligi li jemanu minn dan il-korp ta' liġi partikolari, u japplikah biss meta jogħġbu.

22. L-appellat qal li l-Qrati tagħha rrikonoxxew fid-deċiżjonijiet tagħhom li jekk hemm proċedura ta' dixxiplina jew ta' terminazzjoni li tkun stabbilita fil-kuntratt tal-impjegat jew fil-Ftehim Kollettiv, u din ma tiġix osservata, lanqas ikun hemm għalfejn wieħed jidħol fil-mertu. L-appellat qal li l-bank appellant fl-argument tiegħu li huwa ma kellux dritt iressaq *grievance* għaliex kien qiegħed jitħallas minn x'imkien ieħor, injora x-xhieda ta' David Perotti, li kkonferma li l-bank kien irċieva ittra mingħand l-appellat fejn talab sabiex jidher quddiem il-*Grievance Board,* u qal li din it-talba ma kinitx ġiet milqugħha. David Perotti kien

ikkonferma li dan huwa dritt li japplika għal kull impjegat tal-bank, u li fil-Ftehim Kollettiv m'hemm l-ebda klawsola li tgħid li min qiegħed b'*leave* fit-tul ma jistax jibbenefika mill-*Grievance Procedure.* L-appellat qal li diġà kien hemm deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jgħidu li l-bank ikun qiegħed jikser il-Ftehim Kollettiv meta jċaħħad lill-impjegat tiegħu mid-dritt ta' *grievance.*

23. B'riferiment għat-tielet aggravju sollevat mill-bank appellant, l-appellat qal li huwa ironiku li l-bank qiegħed jiċċita l-prinċipju legali ta' *pacta sunt servanda,* meta kien huwa stess li b'mod arbitrarju u abbużiv ipprova jibdel il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-appellat b'mod unilaterali.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

24. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-bank appellant fid-dawl tal-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, filwaqt li tqis ukoll is-sottomissjonijiet tal-appellat kif ippreżentati fit-tweġiba tiegħu, li jinsisti li ma kien hemm l-ebda tkeċċija inġusta mill-impjieg, iżda li kien l-appellat li abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu.

*L-ewwel aggravju:* *[deċiżjoni li ma tirrispekkjax id-dettami tal-liġi dwar x'inhi 'tkeċċija inġusta' skont il-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta]*

25. Il-bank appellant jgħid li kien l-appellat li unilateralment iddeċieda li ma jirritornax għax-xogħol fi tmiem il-*career break* li kien ngħata. Qal li dan ma kienx każ ta' tkeċċija inġusta, jew każ fejn il-bank ma mexiex mad-

disposizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv, iżda każ fejn l-bank appellant kien raġonevoli fid-deċiżjoni li ħa, u l-fatti kollha juru li kien l-appellat li abbanduna l-post tax-xogħol u mhux li dan tkeċċa mill-impjieg. Din il-Qorti diġà għamlet numru ta' osservazzjonijiet dwar din il-kwistjoni fis-sentenza li ngħatat kontestwament ma' din is-sentenza, dwar l-appell intavolat mill-appellat innifsu (rikors numru 153/2022).

26. Il-Qorti tirrileva li l-appellat ingħata *career break* għal terminu ta' tnax-il xahar, u f'dan il-perijodu huwa beda jaħdem mal-NDSF b'effett minn Marzu tal-2018, għalkemm il-perijodu tal-*career break* daħal fis-seħħ fit-2 ta' Mejju, 2019. Hekk kif il-*career break* li ngħata l-appellat mill-bank appellant beda joqrob lejn tmiemu, l-appellat kellu korrispondenza ma' diversi uffiċjali tal-bank, inklużi uffiċjali li jaħdmu fid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani, u wara diversi proposti miż-żewġ partijiet, ġie deċiż, min-naħa tal-bank, li l-appellat kellu jirritorna fl-impjieg *f'supporting role* fl-istess dipartiment fejn kien jaħdem qabel ħareġ bil-*career break,* u dan b'mod temporanju sakemm tiġi identifikata pożizzjoni li l-appellat ikun jista' jaqdi b'mod permanenti. L-appellat irrifjuta din il-proposta li saritlu, u informa lill-bank appellant li kien fi ħsiebu jressaq *grievance procedure* kontra l-bank. It-tweġiba tal-bank appellant għal dan kienet li l-*grievance procedure* mill-appellat setgħet titressaq ladarba l-appellat jirritorna lura għax-xogħol. Id-data stabbilita għar-ritorn tal-appellat fl-impjieg tal-bank appellant kienet it-2 ta' Mejju, 2019. Iżda dakinhar l-appellat naqas milli jirritorna għax-xogħol, u kien għalhekk li dakinhar stess filgħaxija l-bank appellant informa lill-appellat li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat, bir-raġuni mogħtija għal din it-terminazzjoni tkun l-abbandun tal-impjieg. Il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-

deċiżjoni tal-bank appellant, partikolarment meta wieħed iqis li skont it-termini tal-Ftehim Kollettiv, il-perijodu massimu ta’ *career break* huwa ta’ tnax-il xahar. Kien l-appellat li wara li għadda t-terminu tal-*career break,* naqas milli jirritorna lura għax-xogħol, kif kellu obbligu li jagħmel. Il-Qorti tqis ukoll li l-appellat kien ġie nfurmat bir-riskji li kien iġorr miegħu *career break* bħal dak mitlub minnu, u li minkejja li huwa baqa’ meqjus bħala impjegat tal-bank sa dakinhar li ġie fi tmiemu l-*career break,* il-bank la kkommetta ruħhu dwar il-grad u lanqas dwar il-pożizzjoni li l-appellat kien ser jintalab jaħdem fihom f’każ li jirritorna lura fl-impjieg. Il-Qorti tqis ukoll li dan ma kienx każ ta’ *misconduct* da parti tal-appellat, iżda l-appellat bin-nuqqas tiegħu li jirritorna lura fl-impjieg wara assenza ta’ sena, kien qiegħed jibgħat sinjal ċar lill-*management* tal-bank li huwa ma kellu l-ebda ħsieb li jirritorna lura fl-impjieg. Il-fatt li huwa kien iffirma kuntratt ta’ xogħol għal tliet snin mal-NDSF, minkejja li dan huwa fatt aċċessorju, huwa indikattiv ħafna tal-animu tal-appellat u tar-raġuni vera għalfejn huwa rreaġixxa bil-mod kif irreaġixxa għall-offerta li saritlu mill-bank appellant. Fil-każ odjern kien hemm offerta u stennija biex l-appellat jirritorna lura għax-xogħol, iżda l-appellat irrifjuta din l-offerta li saritlu, u wera li kien fi ħsiebu jżomm l-impjieg li kien sab fil-perijodu li kien applika għall-*career break.* Il-Qorti għalhekk sejra tilqa’ l-ewwel aggravju tal-bank appellant, u qiegħda tiddeċiedi li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda tkeċċija inġusta tal-appellat mill-impjieg, iżda kien l-appellat li abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu meta unilateralment għażel li ma jirritornax għax-xogħol fid-data miftiehma bejn il-partijiet.

*It-tieni aggravju:* *[it-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq allegat ksur tal-Ftehim Kollettiv]*

27. Il-bank appellant qal li meta t-Tribunal Industrijali ddeċieda li kien hemm ksur tal-Ftehim Kollettiv, dan kien qiegħed jippretendi li l-bank jadotta proċedura dixxiplinarja kif stabbilita fil-Ftehim Kollettiv, inkluż billi jinħarġu t-twissijiet, jew billi l-appellat jingħata trasferiment, jew tinżammlu l-paga. Il-bank appellant qal li l-ebda waħda minn dawn il-miżuri dixxiplinarji ma kienet tapplika għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, għaliex l-appellat ma kienx qiegħed imur għax-xogħol, effettivament kien impjegat mal-NDSF u mhux aktar tal-bank appellant, u għalhekk ma kien hemm l-ebda miżura dixxiplinarja li setgħet tiġi applikata fil-konfront tiegħu u li kienet tagħmel sens f'dawn iċ-ċirkostanzi.

28. Il-Qorti taqbel għal kollox ma' din is-sottomissjoni tal-bank appellant. L-appellat wera li ma kellu l-ebda intenzjoni li jirritorna lura fl-impjieg mal-bank appellant, u fattwalment jirriżulta illi li kieku ddeċieda li jirritorna fl-impjieg li kellu mal-bank, huwa kien ser ikollu jħallas penali ta' madwar €47,000 lill-NDSF fejn kien qiegħed jaħdem. Filwaqt li l-appellat għandu raġun jgħid li l-Ftehim Kollettiv imkien ma jgħid li min qiegħed bil-*leave* għal tul ta' żmien ma jistax jibbenefika mill-*grievance procedure,* fl-istess waqt il-loġika titlob li biex persuna tressaq *grievance procedure* din trid tkun fl-impjieg tal-bank. Mill-mument li fih l-appellat abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu, u wera li ma kellu l-ebda intenzjoni li jirritorna fl-impjieg tal-bank appellant, il-bank informa lill-appellat li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jitqies li ġie itterminat, mhux b'xi deċiżjoni tal-bank jew tal-*management* tiegħu, iżda proprju għaliex l-appellat wera li ma

riedx ikollu x'jaqsam aktar mal-bank li kien jimpjegah, u kien ser iżomm l-impjieg li sab fis-settur pubbliku. Fil-mument li l-appellat abbanduna l-impjieg mal-bank appellant, ma kien hemm l-ebda Ftehim Kollettiv li jirregola r-relazzjoni tal-appellat mal-bank li kien jimpjegah qabel, għaliex ir-relazzjoni ta' prinċipal u impjegat kienet intemmet. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-tielet aggravju:* *[ksur kuntrattwali; pacta sunt servanda]*

29. Il-bank appellant qal li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex it-Tribunal applika l-liġi ħażin, billi f'dan il-każ kien hemm ftehim ċar li l-appellat kellu jirritorna lura għax-xogħol f'ġurnata partikolari, u kien l-appellat li ddeċieda li ma jirritornax luragħax-xogħol. Qal li fil-każ odjern intwera wkoll li ma kien hemm l-ebda *buona fede* min-naħa tal-appellat, u dan ma kienx każ ta' sempliċi *misconduct.*

30. Il-Qorti ma ssib l-ebda punt legali li jista' jiġi kkonsidrat minnha fir-rigward ta' dan l-aggravju partikolari. Is-sottomissjonijiet tal-bank appellant fir-rigward huma dwar il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet u dwar dak li huwa inkluż fil-ftehim ta' bejniethom. Il-Qorti tqis li hawnhekk il-bank appellant m'huwa qed iqajjem l-ebda punt legali għall-konsiderazzjoni tagħha, u għalhekk qegħda tqis li dan l-aggravju ma jinkwadrax ruħu taħt dak li jipprovdi l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-bank appellant billi tilqa' l-ewwel żewġ aggravji sollevati minnu, filwaqt li tiċħad it-tielet aggravju, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata.**

**In vista taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**